# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**ONOR. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A., LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 11**

**Avviz Nru. 1247/98 DM**

**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Louis Borg abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Louis Borg**

**vs**

**Rosette Micallef**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fl-1 ta' Dicembru, 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza dwar ir-responsabilita' ghal incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Dicembru, 1999, f'Notabile Road, H'Attard bejn vettura

numru ta' registrazzjoni B-2020(M) misjuqa minn Lina Borg u vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni I-0431 (M).

"Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-ligi, thallas s-somma komplessiva ta' mija u hmistax il-Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm115.88) in kwantu ghas-somma ta' disghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm90.88), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Louis Borg, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghal hames u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) lill-attur Louis Borg ammont rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Dicembru 1996 ghall-habta tas.1.10 pm.gewwa Notabile Road, kantuniera ma' Mdina Road, H'Attard, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni B-2020(M) proprjeta' ta' l-attur Louis Borg u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni I-0431(M), liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 1998, u ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' l-att lis-socjeta' Citadel Insurance Services Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' ta' Frar 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rosette Micallef fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' l-eccipjenti, izda b'tort ta' Lina Borg, is-sewwieqa tal-karrozza propjeta ta' l-attur Louis Borg kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti mhiex responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' April 1999 u tal-25 ta' Mejju 2000 fejn il-partijiet jiddikjaraw illi m'ghandhom ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni izda il- kontestazzjoni tirrigwarda biss dwar ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi oltre l-isketch u rapport ipprezentati mill-ufficjal li nvestiga l-kaz, il-provi jikkonsistu esklussivament fuq id-deposizzjonijiet tas-sewwieqa, Lina Borg u Rosette Micallef.

Jirrizulta li qabel ma sbokkaw f'Notabile Road, Borg kienet qed issegwi lil Micallef go Triq l-Imdina, Balzan, izda Micallef ghazlet li zzomm xi ftit fuq il-lemin ta Mdina Road tant li Borg setghet tghazel trajettorja fuq ix-xellug taghha.

Waqt li Micallef tallega li Borg waslet fuq ix-xellug taghha meta kienet digia qed tipprocedi ghal go Notabile Road, Borg issostni li kienu effettivament wieqfin hdejn xulxin qabel ma saret il-habta.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet tidher li hija iktar verosimili dik ta Lina Borg billi l-istess Micallef tammetti li din kienet qed issuq warajha, tiddikjara li waqfet ukoll fuq li-'Stop Sign" u ghalhekk huwa aspettat li, f'dak il-mument li Micallef bdiet tieqaf u waqfet, Borg hadet il-pozizzjoni taghha fl-ispazju mholli minn Micallef fuq ix-xellug tat-triq.

Ghalhekk kien obbligu ta' Micallef li, qabel ma tibda il-manuvra biex tidhol f'Notabile Road, hija tesplora mhux biss it-triq fuq il-lemin taghha izda anke fuq ix-xellug fejn fil-fatt kienet il-vettura misjuqa minn Borg. Konsegwentement, billi d-direzzjoni li riedet tmur fiha kienet l-istess wahda ta Borg, u billi spiccat f'pozizzjoni ta sorpass rispettivament ghall-vettura misjuqa minn Borg, hija kellha tghati d-dritta lil Borg *li kienet fit-trajettorja gusta ghal min ried jipprocedi matul Notabile Road.*

Infatti il-manuvra ta' Micallef biex tisbokka go Notabile Road ma kienetx wahda regolari. Mdina Road hija ta wisa bizzejjed biex tippermetti zewg linji ta' traffiku fl-istess direzzjoni, izda ir-regolamenti tat-traffiku jimponu obbligu lis-sewwieq biex izomm fuq ix-xellug tat-triq.

Ma giex spjegat ghaliex Micallef ghazlet li titlaq lejn il-lemin ta' Mdina Road meta fil-fatt riedet iddur fuq ix-xellug u tkompli tipprocedi fuq ix-xellug ta Notabile Road. Il-manuvra li ghazlet kienet indikattiva ta' sewwieq li ried fil-fatt jaqsam Notabile Road u ma riedx jostakola lil min ried jidhol u jipprosegwi f'Notabile Road .

Ghal dawn il-motivi issib li kienet biss Rosette Micallef li hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk trid tirrispondi ghad-danni inkontestati sofferti minn Borg.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tiddikjara lill-konvenuta risponsabbli ghall-kollizzjoni indikata fl-avviz u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' mija u hmistax il-Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm115.88) in kwantu ghas-somma ta' disghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm90.88), lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attur Louis Borg ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali mid-19 ta Gunju 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta".

Minn dan l-incident mertu ta' din il-kawza originat ukoll kawza ohra fl-ismijiet "Socjeta' Citadel Insurance p.l.c. nomine vs. Lina Borg" (Avviz Nru. 1092/98 DM) deciza mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta fl-istess gurnata. Anke minn dik is-sentenza qed isir appell quddiem din il-Qorti u z-zewg kawzi qed jigu trattati u decizi kontestwalment.

## **Aggravju**

Il-provi dwar l-incident gew kollha migbura f'din il-kawza. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza li rriteniet li hi biss kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Fil-kawza l-ohra, (Avviz Nru. 1092/98 DM) appellat is-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Rosette Micallef, konvenuta f'din il-kawza, billi, kjarament, il-Qorti rriteniet illi l-konvenuta f'dik il-kawza, Lina Borg, ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-akkadut.

F'din il-kawza il-konvenuta Rosette Micallef issostni li s-sentenza kienet bazata fuq apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u wkoll fuq applikazzjoni zbaljata tal-ligi ghal dawk il-provi. L-appellanti tissottometti li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzzjoni li taccetta l-verzjoni ta' l-appellata Lina Borg, li, meta giet biex taccedi ghal Triq Notabile hi kienet qed tistenna wara l-istop sign biswit il-vettura misjuqa minnha (mill-konvenuta), u cioe' fuq in-naha tax-xellug ta' l-appellanti.

L-ewwel Qorti rriteniet li l-vettura ta' l-appellanti spiccat f'posizzjoni ta' sorpass rispettivament ghall-vettura misjuqa minn Borg, b'tali mod li l-appellanti kellha taghti dritta lil Borg billi din kienet fit-traettorja gusta ghal min ried jipprocedi matul Notabile Road. Dan naturalment una volta gie stabbilit li z-zewg vetturi riedu jduru fuq in-naha tax-xellug

taghhom sabiex jaccedu u jipprocedu fl-istess direzzjoni ghal go Triq Notabile.

Min-naha l-ohra l-appellanti ssostni li qabel ma giet biex tipprocedi ghal go Triq Notabile ma kienx hemm spazju bizzejjed bejn in-naha tax-xellug taghha u s-central strip biex setghet tohrog karozza ohra. L-appellanti tissottometti li hi aktar verosimili l-verzjoni taghha li waqt li kienet hierga ghal go Notabile Road, Borg giet minn warajha u dahlet fuq ix-xellug taghha. Hi ssostni li Borg naqset li tieqaf fuq l-istop sign kif kienet obbligata li taghmel, u minflok iddecidiet li tibqa' hierga ghal go Triq Notable minghajr ma tieqaf u tiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skond kif kienu jezigu r–regolamenti tat-traffiku. Fil-fatt allura jigi li Borg bdiet tipprocedi ghal go Notabile Road meta l-appellanti kienet diga' hierga fiha min-naha tax-xellug taghha.

Il-hsarat fuq il-vetturi mbaghad, isostni l-appellanti, jeskludu kompletament il-verzjoni ta' Borg meta din issostni li z-zewg vetturi hargu flimkien. Mill-banda l-ohra dawn il-hsarat jikkonfermaw it-tezi ta' l-appellanti li hi harget ghal Triq Notabile qabel ma Borg waslet fuq l-istop sign. Ma kellu jkun hemm l-ebda dubju li fil-mument ta' l-impatt il-vettura ta' l-appellanti kienet kompletament fi Triq Notabile waqt li dik misjuqa minn Borg kienet ghadha in parti fi Triq l-Imdina minn fejn kienu gejjin l-istess vetturi. Dana iwassal ghall-konkluzzjoni, skond l-

appellanti, illi ma kienx il-kaz li hi ma kienetx taghti d-dritta lil Borg kif ikkonkludiet is-sentenza appellata izda f'dan il-kaz li Borg kisret ir-regolamenti tat-traffiku meta, minn posizzjoni aktar lura mill-vettura misjuqa mill-appellanti, naqset li tieqaf fuq l-istop sign li hemm f'tarf fi Triq l-Imdina u minflok ittantat tibqa' hierga ghal go Triq Notabile billi tghaddi min-naha tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-istess appellanti li kienet diga' qabdet Triq Notabile fejn kienet sejra.

Dawn is-sottomissjonijiet huma naturalment kontestati minn Lina Borg li ssostni propju l-kontra, cioe', illi hi kienet qeghda tistenna wara l-"istop sign" meta l-karozza ta' l-appellanti ttantat tissorpassaha fuq in-naha ta' gewwa u cioe' minn fuq il-lemin taghha u fil-process li laqtitha. Fin-nuqqas ta' provi ohra permezz ta' xhieda okulari ta' l-incident, jassumi mportanza determinanti l-iskizz ippreparat mis-Surgent tal-Pulizija li jirrizulta li huwa skalat u, sa fejn wiehed jista' jara, preciz. Din hi allura prova attendibbli li l-ewwel Qorti qieset b'attenzjoni bhala element li fuqu setghet torbot biex tasal ghar-responsabilita' tas-sinistru. Dan l-iskizz ma jirrizultax li huwa kontestat mil-kontendenti hlief ghal cirkostanza ta' *brake marks* ta' 1.2 m. li jestendu minn quddiem il-vettura misjuqa minn Lina Borg sar-roti taghha. L-appellanti ssostni li dawn il-*brake marks* huma effettivament ta' din il-karozza, li jippruvaw li ghal xi raguni il-karozza tregghet lura wara l-impatt u li huma indikjazzjoni wkoll illi l-istess Lina Borg ma waqfitx fuq l-istop sign imma

baqghet hierga wara l-vettura ta' l-appellanti li kienet lahqet harget minn wara l-istop sign.

Din il-Qorti ma teskludix il-possiblita' li dawn il-*brake marks* huma effettivament tal-karozza misjuqa minn Lina Borg. Ma taqbilx pero' li dan il-fatt ghandu xi prova determinanti fir-rigward tar-responsabilita' taghha. Jekk xejn dawn il-*brake marks* ifissru li l-vettura ta' Lina Borg kienet, fil-mument ta' l-impatt, vicin hafna ta' fejn instab il-hgieg u t-trab li waqa mill-vetturi mal-habta. Din il-verzjoni turi fil-fatt illi l-karozza ta' Borg kienet diga' qabdet it-triq u kienet aktar min-nofsha 'il barra mill-linja ta' l-istop meta giet milquta mill-vettura misjuqa mill-appellanti. Il-fatt li l-karozza ta' Borg strahet wara l-impatt ftit anqas minn nofs metru minn meta jibdew is-sinjali tal-brakes seta' jkun attribwit ghall-fatt illi l-karozza giet spustata bid-daqqa li rceviet mill-vettura ta' l-appellanti li jkun ifisser li kienet il-vettura ta' Borg li qalghet id-daqqa minghand il-karozza misjuqa mill-appellanti u vice versa.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi jekk jittiehed bhala korrett dak li gie sottomess mill-appellanti, u, cioe', li kienet allura l-karozza taghha li qalghet id-daqqa mill-karozza ta' Lina Borg, waqt li din kienet tipprova tissorpassaha, il-vettura ta' l-appellanti kienet tigi spostata lejn il-lemin u kienet certament tispicca f'posizzjoni ferm differenti minn dik kif attwalment spiccat razenti s-central strip. Dan apparti l-fatt li kieku

verament il-vettura ta' l-appellanti kienet lahqet, kif tippretendi hi, harget ghal fuq Notabile Road, il-hsara fuq il-karozza taghha ma kienetx tkun ghan-nofs fil-genb tax-xellug, imma kienet tkun fuq in-naha ta' wara. Il-posizzjoni tal-vettura ta' l-appellanti, kif spiccat wara l-incident, hi aktar indikattiva ta' traettorja ta' min hareg minn pozizzjoni ma' genb il-vettura ta' Borg u fuq il-lemin taghha meta qalghet, ghaddiet minn quddiemha, u fil-process ostakolatilha l-passagg. Bhala konsegwenza qalghet id-daqqa bil-pinna tal-mudguard tal-lemin ta' quddiem. L-analizi ta' l-ewwel Qorti li b'din il-manuvra l-appellanti ttantat teknikament taghmel sorpass tal-vettura l-ohra minn fuq in-naha ta' "gewwa" hi allura korretta u tiffavorixxi l-verzjoni li kienet l-aktar attendibbli u kredibbli.

Din il-Qorti ma tistax ma tqisx li l-vettura ta' Borg kellha fil-konfront tal-vettura ta' l-appellanti il-precedenza fil-hrug ghal fuq Notabile Road, una volta jigi accettat li z-zewg vetturi kienu qeghdin jistennew, kif dover taghhom, wara l-linja ta' l-"istop sign". Fin-nuqqas ta' prova konkluziva kuntrarja, il-principju kellu jkun li jigi prezunt li l-vetturi kienu qeghdin josservaw ir-regolamenti. Dan kellu necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li z-zewg vetturi hargu minn wara l-"istop sign" pratikament simultanjament, appena d-drivers irrealizzaw li t-triq kienet libera. F'dik l-eventwalita' kien ovvju li l-appellanti kellha taghti d-dritta fil-hrug lill-vettura ta' Borg fuq ix-xellug taghha, ghax kienet hi li kienet razenti s-centre strip u kellha allura tithalla taqbadha u ssuq maghha bil-vettura

ta' l-appellanti ssuq warajha. Ir-regola li s-sewwieq kellu jzomm fuq ix-xellug tat-triq tapplika wkoll ghal din ic-cirkostanza.

Stabbilit li din kienet il-posizzjoni li wiehed kellu normalment jistenna f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta kien jispetta lill-appellanti biex iggib prova konkluziva l-kontra fir-rigward tas-sewqan ta' l-istess Lina Borg. Din il-prova ma tirrizultax mill-atti. Jirrizultaw biss ipotesijiet dwar x'setghet ghamlet jew m'ghamlitx l-istess Borg. Dan apparti tentativi estremi da parti ta' l-appellanti biex tittanta tiddeduci xi argument ta' vantagg minn cirkostanzi fattwali li jistghu jigu finalment interpretati b'mod jew iehor favur jew kontra kull wiehed mis-sewwieqa.

Hi wkoll gusta l-osservazzjoni ta' l-appellata illi, koncess ghall-grazzja biss ta' l-argument, li l-appellanti kienet l-ewwel li waslet fuq l-istop sign u kienet hi li bdiet hierga ghal fuq Notabile Road qabel lahqet fuqha l-vettura misjuqa minn Lina Borg min-naha tax-xellug, u tenut kont ta' dak li rrizulta mill-iskizz, dan bilfors kien ifisser li l-appellanti kienet ghazlet li tibqa' fuq in-naha tal-lemin taghha vicin is-central strip fuq dik in-naha u mhux tiehu l-posizzjoni gusta fuq in-naha tax-xellug razenti s-central strip fuq dik in-naha dejjem wara l-"istop sign". "Isegwi ghalhekk li d-decizjoni ta' l-appellanti li tibqa' fuq in-naha tal-lemin meta l-intenzjoni taghha, ex admissis, kienet li tipprocedi lejn ix-xellug taghha, ghandha titqies bhala manuvra irregolari li biha l-appellanti invadiet in-naha tat-

triq okkupata legalment mill-vettura ta' Borg minghajr ma cediet lill-istess vettura". Dan apparti li l-iskizz juri b'mod l-aktar car li l-posizzjoni fejn, skond l-istess appellanti waqfet wara l-istop sign, kien adegwatament jippermetti lil vetturi ohra biex jiehdu l-posizzjoni taghhom wara l-istess sinjal fuq ix-xellug taghha kif effettivment jirrizulta li kienet Lina Borg, anke jekk issostni li hi kienet lahqet hemm qabel l-appellanti.

Din il-Qorti allura ma tistax ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti li r-rizultanzi processwali kienu jiffavorixxu t-tezi li l-kawza prossima ta' l-incident kienet unikament il-mod inkonsult kif l-appellanti ghazlet illi tirfes fuq Notabile Road billi taghmel manuvra ta' sorpass ta' vettura tax-xellug taghha minflok hadet posizzjoni biex iddur kif suppost vicin is-central strip fuq ix-xellug taghha. Il-fatt li dan m'ghamlitux ifisser li ma setghetx taghmlu ghaliex effettivament kien hemm diga' l-karozza ta' Lina Borg f'dik il-posizzjoni lesta biex hi wkoll tohrog ghal fuq Notabile Road u li kienet hemm lahqet qabilha. L-appellanti allura kienet konxja tal-prezenza ta' dik it-tieni vettura u tal-hsieb taghha li hi wkoll tohrog ghal fuq l-arterja principali fl-istess direzzjoni. Biex taghmel dan is-sorpass l-appellanti jidher li nvadiet il-parti l-hazina tat-triq, giet quddiem Borg li kienet appena qalghet minn fuq l-istop sign u invadiet ghal kollox il-karreggjata taghha.

Il-verzjoni moghtija mill-appellanti kienet tehtieg sostenn ferm akbar mill-provi biex tkun attendibbli u kredibbli. Sostenn li ma jirrizultax, ghaliex, kif inghad, il-kongetturi esposti fil-rikors ta' l-appell ma huma bl-ebda mod riflessi fl-unika prova certa u indipendenti accessibbli ghall-qorti li hi l-iskizz preparat mis-Surgent li nvestiga l-kaz. Una volta l-appellanti ma rnexxielhiex tipprova b'mod konkluziv li Borg kienet kisret ir-regolamenti tat-traffiku meta minn posizzjoni aktar lura mill-vettura misjuqa minnha naqset li tieqaf wara l-istop sign u baqghet hierga ghal go Triq Notabile biex tghaddi min-naha tax-xellug tal-vettura minnha misjuqa meta din kienet diga' qabdet Notabile Road, l-aggravju taghha ifalli. Ma tirrizultax allura fil-fehma ta' din il-Qorti ta' revizjoni raguni biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-atturi.

Dep/Reg

mm